MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-31 ta' Awwissu, 2006

Appell Kriminali Numru. 108/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clo. Bartolo)**
**Vs**

**Nazzareno sive Reno Zarb**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli nhar il- 25 ta' Mejju 1992, f' xi hin bejn is- 6.45 ta' filghodu u il- 11.30 ta' filghodu, waqt li kien f' Hal Qormi :**
**1) ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom deheb u flus, liema serq huwa kkwalifkat bil- mezz, lok u valur li jiskorri l- elf lira Maltija, u li sar ghad-detriment ta' Julia Cortis minn Hal Qormi;**

**2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il-valur ta' hamsin lira Maltija, saret ghad- detriment ta' Julia Cortis minn Hal Qormi;**
**3) fl-istess data, u cirkostanzi, f' dawn il Gzejjer, sar ricediv "ai termini" tal- artikoli 49, 50, u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li gejt misjub hati b' sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Marzu, 2006,  li biha, wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 267, 269, 278, 279(b), 280, 289, 49, 50, 31 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tielet akkuzi kif migjuba kontrih u kkundannatu ghal sena prigunerija, izda ma sabitux hati tat-tieni akkuza w ghaldaqstant illiberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 t'April, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni imputazzjoni, tirrevokaha w thassaraha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tielet akkuzi kif dedotti, u ghalhekk tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija jew piena, w subordinatament, f'kaz illi t-talba surriferita tigi respinta/michuda, tirriforma s-sentenza appellata billi minflok il-piena karcerarja ta' sena prigunerija, tvarja, tbiddel u timmodifika l-piena billi tinfliggi kwalsiasi piena ohra inqas li jidhrilha xierqa, idoneja w gusta jew taghti kull provvediment iehor li jkun jirrispkekkja l-haqq u l-gustizzja li trid issir ma' l-appellant.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':- li l-Ewwel Qorti ma kellhiex provi sufficjenti li setghu jikkonvincuha lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-appellant kien ikkommetta s-serq in kwistjoni. Dan minhabba n-nuqqas ta' xhud okulari. Il-fatt illi l-ahjar prova

w cioe’ l-*lifters* originali kienu ntilfu mill-Pulizija, li kienet ghalhekk kostretta tuza ritratti taghhom. Ritratt hu merament riproduzzjoni maghmula minn *scanner* li m’ ghandhiex il-precizjoni, l-ezattezza w l-awtenticita’ tal-*lifter* originali, liema kwalitajiet huma *sine qua non* sabiex tali *lifters* jikkostitwixxu prova affidabbli fi’ procedura kriminali. Dan il-mezz teknologiku ma jeskludix *margin of error* u ghandu jikkreja *“a lurking doubt”* f’ min jiggudika, specjalment meta din hija l-unika prova mressqa mill-prosekuzzjoni. Illi l-prova li saret mhix ammissibbli w mhux affidabbli. Illi kieku l-*fingerprints* ma gewx *enhanced* permezz ta’ *scanner* wiehed ma jistax jeskludi li l-*lifters* originali kienu jipproducu konkluzzjoni negattiva. Subordinatament, il-piena inflitta hija eccessiva w sproporzjonata meta jitqies il-fattur illi l-valur ta’ dak li allegatament insteraq mhuwiex sostanzjali.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi ri-kjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat.**

**Illi l-ewwel aggravju dwar il-htija tas-serqa jimplika necessarjament ezami mill-gdid tal-provi u l-apprezzament li sar mill-Ewwel Qorti tal-istess provi, kif ukoll punt ta’ dritt dwar l-ammissibilita’ ta’ provi.**

**Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-**

**Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94];** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**"** **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991];** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper" **([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(Ara wkoll** BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **(1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet :** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt", **deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994, inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni ta' serq.**

**Illi l-provi kontra l-appellant huma s-segwenti w dawn johorgu kemm mill-atti tal-process verbal dwar is-serqa *de quo* kif ukoll mill-atti tal-kumpilazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti.**

Julie Cortis**, id-derubata, xehdet li lill-appellant ma tafux, qatt ma dahal ghandha u qatt ma qabbditu jaghmillha xi xoghol fid-dar taghha.(fol.14). Mill-lista tal-oggetti li insterqu (Dok. JC) a fol. 14 tal-process verbal jirrizulta li l-oggetti kellhom valur in eccess ta' elf lira maltin u li dan is-serq kien aggravat bil-mezz (sgass) u bil-lok (post ta' residenza fejn kienet toqghod l-istess Cortis.)**

PC 659 Jeffrey Hughes **xehed li hu kien gie inkarigat mill-Magistrat Inkwirenti biex jiehu r-ritratti dwar impronti digitali w jaghmel rapport. Ir-rapport pero' ma kienx instab izda hu kellu kopja tieghu u din il-kopja hija dik li giet esebita f' dan il-process (fols. 21 sa 24) u li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti (Fols. 15 u 16). Meta rega' xehed a fols. 19 u 20, ix-xhud spjega li minn fuq il-post hu kien eleva erba *lifters* li huma :**

**92BCT101, li hija impronta digitali misjuba fuq landa; 102 li hija impronta digitali misjuba fuq kaxxa; 103 impronta misjuba fuq kaxxa tal-plastic li kienet fuq il-komodina u 104 zewg impronti digitali misjuba fuq kaxxa ohra. Wara xi zmien kien baghat ghalih il-Magistrat Cuschieri u kien qallu li l-*lifters* u r-rapport tieghu ma nstabux u li kellu jaghmel kopja tar-rapport u kopja tal-*lifters*. Dawn huma ritratti li johorgu permezz tal-computer. Ma kellux ritratt tal-esebit 104, ghax dawn ma kienux tajbin ghall-komparazzjoni (fol. 16 tal-process verbal). Il-*lifter* hu bicca plastic trasparenti mwahhla fuq *hardback.* Dan kienu jdahhluh go computer u jkollhom ritratt permezz ta' *scanner* u hu ipprezenta tlitt ritratti migbudin fuq ir-ritratti tal-*scanner*.**

PS 956 Andrew Caruana **xehed li kellu inkariku mill-Magistrat Dr. Noel Cuschieri biex jiehu l-impronti digitali tal-appellant u jaghmel il-*comparisons* ma' l-esebiti li kienu ghand il-Magistrat u li hu kien irtira minnghand l-istess Magistrat. Ir-rizultat ta' dawn il-*comparisons* kien fil-pozittiv. Ra r-relazzjoni tieghu w gharaf il-firma tieghu fuq il-formoli tal-marki tas-swaba u tal-pali ta' l-idejn ta' Nazzareno Zarb. Pero' hu ma setax jaghmel faxxikolu fotografiku ghar-raguni illi ma kienx hemm il-*lifters* u r-ritratti ma kienux tajbin biex hu jkun jista' jaghmel il-faxxikolu tieghu bhas-soltu. Hu hadem minn fuq ritratti tal-*lifters* li kien irtira minnghand il-Magistrat. Hu seta' jaghmel il-*comparison* kif fil-fatt sar, pero' ma setax jaghmel il-faxxikolu ghax ma setax jaghmel *"one is to one".* Ma kellux diffikulta' biex jasal ghall-konkluzzjoni tieghu. Li kellu diffikulta' kien biex jaghmel ritratti taghhom. Mir-relazzjoni tax-xhud (Fol. 29 u 30 tal-process verbal ) jirrizulta li fil-waqt li fuq ir-ritratti 101 u 103 ma kien hemm ebda qbil ma' ebda impronta tal-appellant, ir-"ritratt numru 920748000102 jaqbel u huwa identiku ghas-saba l-kbir ta' l-id il-lemenija ta' Nazzareno Zarb."**<u>**</u> **(sottolinear tal-Qorti).**

**Illi fuq talba tal-prosekuzzjoni fl-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2004, l-Ewwel Qorti hatret lil** PS 1374 Edgar

Dalli **sabiex jiehu l-impronti digitali tal-appellant. (fol. 72) Dan jirrizulta li sar *"seduta stante*" fis-26 t' April, 2004 (fol. 75). Fil-fatt dak in-nhar stess PS Dalli esebixxa zewg *lifters* li fuqhom ittiehdu l-marki tas-swaba tal-appellant u dawn gew immarkati document ED1 u ED2. (fol.76, 77 u 78).**

**Fl-istess udjenza tal-11 ta' Marzu, 2004, l-Ewwel Qorti kienet ukoll innominat u hatret lill-**Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante **bhala esperta fuq l-impronti digitali sabiex din tigbor l-impronti digitali mehudin minn ghand l-appellant u taghmel l-ezamijiet komparattivi kollha mehtiega ma' l-impronti digitali kontenuti fil-process verbal u tirrelata bil-miktub dwar dak kollu li jirrizultalha. Din l-espert kienet ipprezentat rikors fl-24 ta' Mejju, 2004, fejn talbet li l-Qorti tordna li s-Scene of Crime Officers jergghu jirriproducu, cioe' jizviluppaw ritratti ta' kwalita' superjuri minn negattivi li huma ghad-dispozizzjoni taghhom u dan ghaliex ir-ritratti li hi kienet irtirat (Dok. Z4) kienu ta' kwalita' inferjuri tant li hu difficli li jsiru ezamijiet bihom (fol.83). Din it-talba giet milqugha b' digriet tat-3 ta' Gunju, 2004, (fol. 84).**

**Fir-relazzjoni taghha (Fol. 99 et seq.) l-esperta qalet li ma kienx possibbli li jsiru dawn ir-ritratti ahjar u ghalhekk kellha tahdem bit-tlitt ritratti (Dok. Esebit 92 BC1) li kien fih tlitt ritratti u cioe' 920748000101-102 u 103. Fil-waqt li l-impronta digitali li tidher fir-ritratt 101 kienet nieqsa mill-punti karatteristici ghall-fini tal-komparazzjoni u r-ritratt 103 ma kienx car bizzejjed ghall-fini ta' komparazzjoni, fil-kaz tar-ritratt 102, wara li l-impronta digitali kienet giet *enhanced* permezz ta' *scanner*, setghu jigu indikati l-erbatax il-punt karatteristiku li qablu mas-saba l-kbir lemini tal-appellant.**

**Saru mbaghad provi tar-recidiva billi gew esebiti kopji legali ta' sentenzi precedenti kontra l-appellant li a sua volta kien ezenta lill-Prosekuzzjoni milli tipproduci xhieda tal-identita'.**

Id-difiza ddikjarat li ma kellhiex provi x' ittella' f' din il-kawza (Fol. 135).

**Ikkonsidrat;**

**Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Anthony Abela" **[28.5.1998] li l-prova tal-*fingerprint* ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuazta. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu f' postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u *fingerprints* li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-**

"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija."

**Illi kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Vincent Calleja" **[7.3.2002] il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas erbaghtax (14) il-*"point of comparison"* .**

BLACKSTONES **- "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk :-**

**"Properly presented *fingerprint evidence* has long *been accepted as providing sufficient identification,***

***but,*** **in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82).Finger print experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the crime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics. See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561 , in which the Court of Appeal upheld a robbery conviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said :**

***"Finger print evidence , like any other evidence , is admissible .....if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value....."***

***He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ...and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."***

**Fil-fatt lt-tendenza l-aktar recenti fl-Ingilterra hi li numru ferm inqas minn 14 il-punt (li rrizultaw f'dan il-kaz) jista' jkun bizzejjed biex tigi stabilita l-identita' tal-persuna suspettata. Konsegwentement, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li taccetta il-kriterju ta'** ***"14 points of comparison"*** **li skond l-esperta nstabu fuq ir-ritratt Dok. 920748000102.**

**Illi l-**ARCHBOLD **"Criminal Pleading , Evidence and Practice" (2001 edit.) (pagna 1348 ) jghid :-**

**""A person may be identified by fingerprints alone" :** R. v Castleton **, 3 Cr. App. R 74 CCA".**

**Illi pero' il-kontestazzjoni principali tal-appellant mhux bazata fuq in-numru ta'** ***"matching points*"** **jew fuq xi nuqqas ta' esperjenza jew kompetenza tal-espert Scerri Ferrante, ghall-inqas skond ma jidher mir-rikors tal-appell u mit-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-abbli difensur quddiem l-Ewwel Qorti (fols. 139 sa 144). Izda din hi bazata fuq il-fatt li l-paragun li sar mill-espert ma sarx mall-*lifter* originali imma biss ma ritratt tal-istess li mhux l-ahjar prova skond il-ligi w kwindi huwa inammissibbli bhala prova.**

**L-appellant hu korrett meta jghid li l-paragun sar ma' ritratt tal-*lifter* originali u mhux mall-*lift*er originali. Dan gara ghaliex wara li l-originali kienu gew esebiti fl-inkjesta magisterjali dwar is-serqa in kwistjoni, dawn ma nstabux u ghalhekk il-Magistrat Inkwirenti kien ordna li jigu esebiti ritratti tal-istess *lifters* li kellhom il-Pulizija fir-*records* taghhom. Kif jidher mix-xhieda fuq riprodotta, min esebixxa dawn ir-ritratti ikkonferma bil-gurament li dawn kienu ritratti tal-istess lifters. Din il-prova ma giet kontradetta jew skossjata minn ebda prova ohra.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-artikolu 638 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li** ***"Bhala regola , ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar***

***shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti…"*** **u dan in omagg ghar-regola tal-*"best evidence".* Illi appropozitu l-**ARCHBOLD **"Criminal Pleading Evidence and Practice". (p.347) jghid :-**

"It is a general rule that the best evidence of which the nature of the case will admit must be produced, if it can possibly be obtained; if not, then the next best evidence that can be obtained is admitted…... Therefore before secondary evidence is offered, a foundation for it must first be laid, by proving that evidence at first hand cannot be obtained. The best evidence of the contents of a deed or other written instrument is the written instrument itself; secondary evidence is a true copy, or parol evidence of the contents, of the original. Therefore before a copy of a written instrument, or parol evidence of its contents, can be received as proof, the absence of the original instrument must be accounted for, by proving that it is lost or destroyed, or that it is in possession of the opposite party."

**Issa f' dan il-kaz gie abbondantement pruvat bla ebda kontestazzjoni bi prova kuntrarja li l-*lifters* originali li kienu ngabru mill-post tas-serqa w li kienu gew esebiti quddiem il-Magistrat Inkwirenti kienu ntilfu. Dan ma kienx tort tal-Prosekuzzjoni imma minnhabba xi nuqqas tal-istess Qorti jew l-*staff* taghha. Ghalhekk hawn ma hemmx dubju li gie pruvat li l-*"best evidence*" ma kienetx producibbli f' dan il-kaz u li nghatat spjegazzjoni sodisfacenti ghal dan. Ghalhekk skond il-principji ta' dritt fuq enuncjati kienet ammissibbli s-*secondary evidence* konsistenti f' ritratti tal-istess *lifters*. Illi mbaghad li r-ritratti esebiti kienu jirriferu ghall-istess *lifters* elevati mill-espert fil-kors tal-*in genere* gie konfermat bix-xhieda guramentata ta' PC 659 Jeffrey Hughes u dan ma gie kontestat minn hadd. Dak li qed jissottometti l-appellant li ma giex pruvat li dawn ir-ritratti huma kopja fidila jew awtentika tal-*lifters* originali hu biss kongettura w ma jsib sostenn minn ebda prova lanqas sal-grad tal-probabbli.**

**Anki l-argument tal-appellant li peress li t-tqabbil sar ma' ritratt *enhanced* tar-ritratt dok. 92BCT102, ma jirrendix dan il-paragun null ghax llum hu risaput li bit-teknologija moderna, ritratti jistghu jigu rezi aktar cari u fl-istess waqt jirritjenu l-fattizzi originali taghhom. Del resto l-espert tal-Qorti li rrikorriet ghall-dan il-metodu teknologiku ma kellha ebda rizervi dwar l-akkurattezza tar-rizultat ottenut u, fil-waqt li qalet li miz-zewg ritratti l-ohra 101 u 103 ma setghet telicita ebda paragun pozittiv, kienet kategorika meta kkonkludiet li bejn il-*lifters* li ttiehdu tal-idejn tal-appellant mill-espert tal-Qorti PS Dalli u r-ritratt fuq imsemmi kien hemm *matching* ta' erbatax il-punt karatteristiku. L-Ewwel Qorti kellha ghalhekk kull dritt li toqghod fuq il-konkluzzjoni tal-esperta minnha nominata. Li seta' kien hemm xi *margin of error* hi ukoll kongettura tal-appellant li ma hi sorretta minn ebda prova. L-esperta lanqas biss giet kontro-ezaminata dwar din il-possibilita'**

**Ghalhekk din il-Qorti thoss li l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti li biha waslet biex rabtet lill-appellant mas-serqa biss a bazi tal-"*fingeprint evidence",* fic-cirkostanzi, zgur li ma kienetx *"unsafe and unsatisfactory".* Ghalhekk ma thossx li ghandha tiddisturbha jew b' xi mod tvarjha.**

**Ghalhekk l-aggravju dwar il-mertu rigwardanti l-htija tal-appellant qed jigi respint.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi ghar-rigward tal-aggravju li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti kienet wahda sproporzjonata w eccessiva, jinghid li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

**F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi. Bizzejjed jinghid li skond l-artikolu 279 (b) tal-Kodici Kriminali, l-piena ghal serq aggravat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) hija dik ta' prigunerija minn tlettax il-xahar sa seba' snin. Umbaghad stante li f' dal-kaz irrizultat ir-recidiva, din il-piena setghet addirittura tizdied bi grad ghall-minimu ta' tmintax il-xahar u massimu ta' disa' snin. U peress li l-appellant gie akkuzat u anki instab hati skond l-artikolu 289 (1) peress li kien gja gie misjub hati ta' serq b' sentenza tas-27 ta' Jannar, 1992 il-piena setghet anki tizdied sahansitra b' zewg gradi u minn wahda minima ta' tlittax il-xahar u wahda massima ta' seba snin kienet issir wahda ta' minn sentejn sa tnax il-sena. Minnflok ma applikat dawn iz-ziediet fil-piena, l-Ewwel Qorti erogat piena inqas mill-minimu ghar-reat minghajr ir-recidiva skond l-artikoli 49 u 50 u 289 u, tenut kont tal-fedina penali tal-appellant li hija wahda mill-izjed refrattarja, ma setghetx tkun aktar miti milli kienet mieghu. Dwar dan pero' ma sar ebda appell mill-Avukat Generali.**

**Di fatti mill-fedina penali aggornata tal-appellant jidher li qabel ma kkommetta dar-reat hu kien gja ikkommetta diversi reati ta' sewqan bla licenzja u bla insurance, sewqan hazin, pussess tal-pjanta cannabis, serq aggravat, ksur tal-buon ordni, tentattiv ta' serq minn residenza, pussess ta' medicina specifikata u psikotropika fil-habs civili ta' Kordin u ricettazzjoni. Wara li kkommetta d-delitt mertu ta' din il-kawza, kompla ghaddej bil-hajja refrattarja tieghu w gie sentenzjat ghal diversi periodi ta' prigunerija ghal diversi reati serji. Ghalhekk l-aggravju li l-piena erogata kienet wahda eccessiva w sproporzjonata fic-cirkostanzi manifestament ma jreggix u qed jigi ukoll respint.**

**Fl-ahhar nett ghal kuntrarju ta' dak li jissottometti l-appellant fir-rikors tieghu, il-valur tal-oggetti misruqa ma kienx wiehed zghir izda addirittura kien jeccedi l-oghola valur fil-gradwatorja tal-gravita' tar-reat ta' serq kwalifikat bil-valur.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------